# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI
## IMHALLEF
## ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A., LL.D., A R HIST S

**Seduta tat-Tnejn, 14 ta' Frar, 2000.**

**Numru:**

**Citazzjoni Numru: 562/95 JF**

**Giulia armla ta' Alfred Borg u James Borg**

**-vs-**

**Francis Saliba**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni ta' l-attur li biha premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u :

Premess illi Alfred Borg, l-ante causa tal-atturi silef lill-konvenut is-somma ta' (LM7950) sebat elef disa' mija u hamsin lira bis-sahha ta' kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dottor Marco Farrugia, hawn anness DOK A, bil-kundizzjonijiet kollox kif jidher mill-istess att.

U premess illi l-attrici hija l-armla tal-imsemmi Alfred Borg u bhala tali kompartecipi fil-Komunjoni tal-Akkwisti li kienet tezisti bejnha u l-mejjet zewgha, u llum usufruttwarja tal-assi tieghu bis-sahha ta' testment tas-27 ta'

April 1978 fl-atti tan-Nutar Dottor Paul Pullicino hawn anness DOK B, filwaqt li l-attur huwa l-eredi tal-imsemmi mejjet Alfred Borg bis-sahha tal-istess testment.

U premess illi l-konvenut ghad fadallu jhallas is-somma ta' )LM7950) sebat elef disa' mija u hamsin lira u minn hekk huwa car li huwa ddekada mill-beneficcju tat-terminu lilu koncess fil-kuntratt imsemmi.

Talbu li ghalhekk il-konvenut ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjarali li huwa ddekada mill-beneficcju tat-terminu lilu koncess fl-imsemmi kuntratt:

2. Konsegwentement tikkundannah ihallas lill-atturi is-somma ta' (LM7950) sebat elef disa' mija u hamsin lira kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

   Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li jibqa' ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi dak allegatament dovut huma flus ta' imhatri fuq il-football.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti, il-lista tax-xhieda taghhom flimkien mad-dokumenti li gew esebiti u semghet lix-xhieda prodotta;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Trattata l-kawza;

Ikkunsidrat li l-attrici, bhala eredi ta' zewgha, flimkien ma' binha James, qeghda tharrek lill-konvenut li b'kuntratt datat it-23 ta' Marzu 1993 fl-atti tan-Nutar Dottor Marco Farrugia kien ikkostitwixxa ruhu debitur tal-imsemmi zewgha, li miet f'Awissu 1993, versu l-ammont ta' sebat elef disa' mija u hamsin lira maltija (LM7950) relativa, skond il-kuntrattt, ghal somma mislufa ante cedentement.

Il-konvenut eccepixxa li l-ammont ma kienx dovut billi l-flus li jissemmew kellhom x'jaqsmu ma' loghob ta' l-azzard klandestin, u cjoe' imhatri fuq il-loghob tal-ballun ('football'), u stante li l-kawza kienet wahda illecita, xejn ma kien dovut minnu kif mitlub mill-atturi.

Mill-provi prodotti jirrizulta sufficjentement ippruvat li l-mejjet Alfred Borg tassew kien jikkonduci loghob klandestin konsistenti fi tqeghid ta' flus ghal skop ta' imhatri fuq il-loghob tal-'football' li jintlaghbu barra minn Malta. Jirrizulta inoltre li huwa kien jiehu lil dawn il-laghba ghand Nutar u jgeghlhom jaghmlu kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu.  Dan jemergi mhux biss mix-xhieda tal-konvenut imma wkoll ta' Carmelo Brignione u John Mary Falzon. Mhux hekk biss, imma skond in-Nutar Farrugia, xhud fil-kawza, li kien jirredigi u jippubblika dawn il-kuntratti, jirrizulta li dan Alfred Borg kien iressaqlu madwar ghaxar sa hmistax-il persuna fis-sena u dan bejn is-sena 1987 sakemm miet fl-1993.  Huwa minnu li n-Nutar Farrugia xehed li d-debituri u d-decujus ma kienux joqoghdu jitkellmu jew jiddiskutu quddiemu r-raguni tas-self, pero' hu sinjifikanti l-fatt li f'kull okkazjoni minn dawn l-ebda ammont ta' flus ma kien jinghata quddiem in-Nutar u hlief li f'zewg eccezzjonijiet biss l-

ebda persuna minn dawn ma kienet xi kummercjant jew professjonist imma, invece, kienu 'labourers' mal-Gvern u li skond ma kien jitnizzel fil-kuntratti relativi, l-ammonti mislufa kienu sostanzjali. In-Nutar jiftakar biss li l-inika darba li ssemmiet xi raguni dwar is-self kien meta d-decujus ressaqlu lil huh stess. Lanqas l-attrici, fix-xhieda taghha, ma kienet konvincenti fir-rigward tal-konsistenza ta' assi li seta' kellu zewgha - haddiem mal-Gvern b'karozza 'impressed'. Ghall-ewwel hija tat l-impressjoni li dak li kien jaghmel zewgha - barra x-xoghol abitwali tieghu - kien injot ghaliha, imbaghad meta regghet xehdet ftakret li zewgha xi 25 sena qabel miet, u qabel ma zzewgitu, kien gemma' xi flus mix-xoghol tieghu fl-Awstralja u fil-Germanja. Pero' m'hemmx dubju li hemm provi bizzejjed li juru li l-kuntratt de quo, li jsemmi kuntratt iehor precedenti li gie kkancellat, kien direttament marbut ma' flus provenjenti minn kawza llecita. Naturalment kien ikun ahjar ghall-konvenut li kieku ha passi biex jimpunja l-kuntratt u, fic-cirkostanzi, din il-Qorti thoss li jkun gust li jkun hemm temperament fil-kap ta' l-ispejjez minhabba dan in-nuqqas. Mill-bqija pero' il-probabilita' tal-fondatezza tal-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut eccipjent tirrizulta ppruvata sufficjentement.

Ghal dawn ir-ragunijiet,

Tiddeciedi billi, filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tichad it-talba attrici, b'dana pero' li l-kap ta' l-ispejjez, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, jibqghu minghajr taxxa bejn il-kontendenti.

## ONOR. IMHALLEF JOSEPH A. FILLETTI

Deputat Registratur

md